GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U L-ISPORT
ID-DIRETTORAT GĦAS-SNIN BIKRIN, LINGWI U STUDJI UMANISTIĊI

**ĊIRKULARI**

Referenza: DELH 049/2026

Mingħand: L-Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

Lil: Diretturi Ġenerali
Uffiċjali Ewlenin tal-Informazzjoni
Chairpersons / Uffiċjali Eżekuttivi Ewlenija
Diretturi / Assistenti Diretturi
Kapijiet tal-Kulleġġi
Kapijiet tal-Iskejjel Primarji u Medji (Stat, Knisja u Indipendenti)
Uffiċjali Edukattivi / Kapijiet tad-Dipartiment
Ħaddiema (MES)

Suġġett: Attività Kurrikulari għas-6 sena u t-8 sena marbuta ma' Dizzjunarju.mt

Data: 29 ta'Settembru 2026

---

Dizzjunarju.mt hu d-dizzjunarju nazzjonali tal-Malti li qed jinbena mid-Dipartiment tal-Malti fl-Università ta' Malta. Is-sit jagħti (a) id-definizzjoni tal-kliem bil-Malti, (b) l-ekwivalenti bl-Ingliż, (ċ) tagħrif fuq il-kitba, il-grammatika u l-pronunzja, (d) l-espressjonijiet u l-idjomi, (e) il-familja grammatikali, u (f) in-nisel tal-kliem.

Id-Dipartiment tal-Malti fi ħdan id-Direttorat tas-Snin Bikrin, Lingwi u Suġġetti Umanistiċi flimkien mad-Dipartiment tal-Malti tal-Università ta' Malta se jorganizzaw attività interattiva bis-sehem ta' atturi, kantanti u mużiċisti, għall-istudenti tas-sitt sena u tat-tmien sena. L-għan ewlieni hu li, permezz tal-mużika, il-logħob u t-taqbil, inlaqqgħuhom mad-dizzjunarju b'mod kreattiv u divertenti. B'dan il-mod, l-istudenti jkunu armati aħjar biex jilħqu l-kisbiet mit-tagħlim tas-sitt sena u tat-tmien sena.

L-attività se ssir **it-Tlieta, 13 t'Ottubru 2026** l-**Aula Magna**, l-Universita l-antika, **il-Belt Valletta**. Se jkun hemm żewġ sessjonijiet ta' madwar sagħtejn il-waħda: waħda għall-istudenti tas-6 sena fid-**9.30** u oħra fil-**11.30** għall-istudenti tat-tmien sena.

Kull sessjoni tilqa' sa 200 student/a, għalhekk kull skola hija mitluba tibgħat klassi waħda biss. Se jiġu aċċettati l-ewwel **TMIEN** skejjel li japplikaw għal kull sessjoni; tmien skejjel primarji u tmien skejjel medji. Tistgħu tapplikaw billi tibagħtu lill-Uffiċjal Edukattiv tal-Malti, is-Sur Carlston Grima fuq l-indirizz elettroniku: **carlston.grima@ilearn.edu.mt**.

F'dawn is-sessjonijiet se jkun hemm fotografu u vidjografu li se jieħdu ritratti u filmati tal-attività. Kull skola trid tara li jkollha kunsens mingħand l-istudenti u l-edukaturi.

Grazzi tas-sapport u l-koperazzjoni tagħkom,

**Dr. Alice Micallef**
**Direttriċi**
**Snin Bikrin, Lingwi u Studji Umanistiċi**